**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 22 – IT-TNEJN, 24 TA' MARZU 2014 FIS-6.00PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Neville Mallia | Kunsillier |

Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Neville Mallia kien ma jiflaħx u kellhom jeħduh l-isptar. Il-Kunsill jixtieqlu fejqan malajr.

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 21**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Rigward punt numru 6.8, is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex il-kumpanija 3D tiġi infurmata li mhux ser iqassmu l-magazine tal-kunsill.

2.2 Rigward punt numru 5.1, is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet jekk intbaghtitx l-ittra biex tiġi spejgata għalfejn il-Kunsill ġie rrifjutat il-fondi. L-ittra ġiet mibgħuta. Għandha tinbagħat reminder lid-Direttur.

**3 Pagamenti Numru 20**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Malcolm Abdilla ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jagħmel żjara fil-Kunsill, il-Kap tal-Oppozizzjoni nhar l-Erbgħa, 26 ta' Marzu. Għandu jiġi ppreżentat tliet kotba maħruġin mill-Kunsill.

4.2 Ġiet diskussa t-talba biex tiġi organizzata l-Youth Tournament konġunta mas-San Ġwann Youth Nursery. Ġie deċiż li tiġi aċċettata din it-talba u l-Kunsill ivvota 750 Ewro għal din l-attività.

4.3 Ġiet diskussa l-offerta, mill-kumpanija Blues ltd biex huma jipprovdu street furniture bla ħlas u huma jkunu jistgħu jagħmlu advertising fuqhom. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata din l-offerta.

4.4 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni r-riformi proposti li kienu qegħdin jiġu mressqa fis-sistema tal-wardens.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata l-proposta għall-korsijiet tal-kompjuters IKids mit-TCTC. Għandu jintalab skont għal dan u għandha tintbagħat talba lill-iskola primarja biex jintużaw klassi għal dawn.

5.2 Ġiet innutata t-talba mill-iskola Micro Media biex isir drop off għall-istudenti. Kien hemm qbil fuq din.

5.3 Ġiet innutata offerta biex nissieħbu fil-Friends of Australia. Ġie deċiż li din ma tiġix aċċettata.

5.4 Ġiet diskussa t-talba biex isir un/loading quddiem Marco Supermarket. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata din it-talba.

5.5 Ġiet innutata ittra mill-MEPA rigward użu ta' UIF funds biex jinbnew ċnut madwar plots vojta. Ġie deċiż li tintbagħat ittra fejn ninfurmawhom li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din għax dawk il-fondi kienu ser jintużaw għall-uffiċċju tal-Kunsill.

5.6 Ġiet diskussa l-proposta mill-kumpanija GreenPak biex l-Kunsill jiġbor ħwejjeġ użati għar-reċiklaġġ. Il-Kunsill qabel ma' din fil-prinċipju. Għandna nistennew għal aktar informazzjoni.

5.7 Ġiet innutata korrispondenza rigward Premju Nazzjonali favur l-Intrapriżi. Ġie deċiż li ma napplikawx għal din.

## 6 Kwotazzjonijiet

6.1 Għal kwotazzjoni numru SGNLC/Q/1/14, kien hemm offerta waħda biss mill kumpanija The Notebook Centre. Ġie deċiż li tiġi aċċettata l-offerta tagħhom.

## 7 Budget 2014

7.1 Ġie ppreżentat draft tal-budget. Kien hemm diskussjoni fuq dan. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li jigi approvat dan il-budget. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 8 Affarjiet oħra

8.1 Is-Sur Dominic Cassar ġab għall-attenzjoni li hemm żewġ Bus Stops li huma fi stat ħażin ħafna. Dawn huma fi Triq il-Kappella u l-oħra fil-pjazza ta' Ta' Żwejt. Ġiet diskussa l-ammonti pendenti mir-Reġjuni. Ġie deċiż li tintbagħat ittra legali lir-Reġjun Ċentrali u t-Tramuntana. Hu informa wkoll li l-ħaddiema tal-Cleansing mhumiex qegħdin jagħmlu xogħol tajjeb ta' knis fi Triq in-Naxxar u Vjal ir-Riħan. Is-Sindku li jerġa' jibda jagħmel ix-xogħol ta' knis il-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Ġie diskuss ukoll numru ta' ostruzzjonijiet li hemm quddiem l-azjenda Adam Cini. Ġie deċiż li jiġu infurmati l-pulizija. Ġie deċiż ukoll li jsir il-printing tal-information pack tal-kunsill minħabba li spiċċaw.

8.2 Is-Sinjura Marica Bayliss staqsiet jekk kienx hemm data tal-qorti għal persuna li nqabdet tibgħat ittri anonimi l-Knsill. Id-data għadha ma ġietx deċiża. Hi infurmat lill-Kunsill li l-każin tal-banda kien ser jorganizza car wash fil-car park tal-knisja fid-29, 30 u 31 ta' Marzu. Kien hemm qbil li tinbagħat No Objection.

8.3 Is-Sinjura Joan Farrugia infurmat lill-Kunsill li saret talba biex jerġgħu jitnaddfu l-Cart Ruts. Hi talbet biex il-wardens jagħmlu inspection fi Triq Matrenza minħabba li qed ikun hemm min joħroġ ħafna kaxxi tal-kartun. Hi infurmat lill-Kunsill li hemm xi sinjali li jridu jiġu rranġati. Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu lista ta' tabelli li jafu li jridu jiġu rranġati.

8.4 Is-Sur Malcolm Abdilla informa lill-Kunsill li hemm siġra fi Triq is-Santwarju li qed tkun ta' ostruzzjoni. Rigward il-website tal-Kunsill, dan kważi lest, għad fadal ftit xogħol ieħor. Hu informa lill-Kunsill li l-fondi ERDF għadhom ma ġewx approvati u għalhekk għadu ma mħarġux il-fondi li jista' jibbenefika l-Kunsilli. Kien hemm diskussjoni rigward il-parkeġġ illegali li qed ikun hemm fi Triq in-Naxxar fiż-żona ta' fejn hemm l-HSBC. Is-Sur Malcolm Abdilla ippropona li ssir talba lir-reġjun biex issir camera hawn. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 7 favur u 1 astensjoni.

8.5 Is-Sinjura Rita Saliba pproponiet li l-bozza li inqalgħet minn Triq Ta' Ċieda titwaħħal fi Triq Wigi D'Amato. Is-Sur Malcolm Abdilla ssekonda. Kien hemm 6 favur u 2 kontra. Dawn kienu kontra minħabba li hemm postijiet aktar mudlama minn Wigi D'Amato.

8.6 Is-Sur Trevor Fenech staqsa jekk intbagħtitx l-ittra lill-pulizija rigward illegalitajiet li qed isiru fi Ġnien Karen Grech. Ġie kkonfermat li din intbagħtet.

8.7 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex tintbagħat ittra lid-Dipartiment rigward il-ħatra ta' Miguel Galea Sillato bħala l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 7 ta' April 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**